# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 638/2013/2 SM**

**Anika Psaila Savona**

**v.**

**CHI Limited (C26086)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tal-5 ta' Jannar, 2024, magħmula mill-attriċi Anika Psaila Savona taħt is-**subartikoli (e)**, **(h)** u **(l)** **tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti, b'sentenza mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 2023, wara li tiġi mħassra l-istess

sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-28 ta' Ġunju, 2013, l-attriċi fissret li hija għamlet xi żmien impjegata fuq bażi *full time* mal-kumpanija konvenuta, sakemm fis-26 ta' Lulju, 2007 sar kuntratt ġdid bejn il-partijiet, li bis-saħħa tiegħu ftiehmu li l-attriċi kellha titħallas paga fissa talli tagħti ħamsa u għoxrin siegħa servizz lill-kumpanija konvenuta, b'dan li hija kellha titħallas ukoll b'rata miftiehma għas-sigħat li kienet taħdem aktar minn hekk.

3. Tenniet li fis-sena 2009 hija żżewġet u fl-1 ta' Ottubru, 2009 il-kumpanija konvenuta offritilha kuntratt ġdid biex tħaddimha fuq bażi *part time* b'kundizzjonijiet differenti minn dawk tal-kuntratt tas-26 ta' Lulju, 2007. Spjegat li waqt li l-partijiet kienu qegħdin jinnegozjaw dwar il-kundizzjonijiet tal-ingaġġ tagħha, fil-5 ta' Novembru, 2009 hija għarrfet lill-uffiċjal eżekuttiv ewlieni tal-kumpanija konvenuta illi kienet qiegħda tistenna tarbija. Issoktat tgħid li f'dak il-waqt, il-kumpanija konvenuta unilateralment temmet id-diskussjonijiet u fl-10 ta' Diċembru, 2009, ippreżentatilha abbozz ta' kuntratt għal ingaġġ *part time* li fil-fehma tagħha ma kienx negozjabbli u lanqas kien jaħseb għal sigħat ta' xogħol wara s-sigħat ta' xogħol *part time*. L-attriċi ċaħdet din il-proposta fit-18 ta' Diċembru, 2009 u baqgħet tagħti servizz lill-kumpanija konvenuta skont

il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-26 ta' Lulju, 2007.

4. Hija fissret ukoll li wara li l-kumpanija konvenuta ħassret żewġ appuntamenti għal laqgħat li hija kellha ma' funzjonarji għolja fil-kumpanija, ġara li fit-8 ta' Jannar, 2010 l-uffiċjal eżekuttiv ewlieni tal-kumpanija konvenuta temm l-ingaġġ tagħha.

5. Billi l-attriċi dehrilha li din kienet imġieba diskriminatorja lejha minħabba li kienet qiegħda tistenna li trabbi familja b'tarbija, u għalhekk kienet bi ksur tal-**Artikolu 4 tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa**, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li bl-aġir tas-soċjetà konvenuta u kif fuq espost u kif sejjer jiġi pruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-attriċi sofriet diskriminazzjoni skont l-artikolu 4 tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *2. Tillikwida dak l-ammont li dina l-Onorobbli Qorti jidhrilha xieraq, abbażi tal-provi li sejrin jiġu mressqa, għad-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-aġir illegali tal-konvenuta;*
>
> *3. Tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas dak l-ammont ta' kumpens hekk likwidat minn dina l-Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż.»*

6. Il-kumpanija konvenuta ressqet ir-risposta maħlufa tagħha fid-29 ta' Lulju, 2013 u minbarra li ressqet l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens*, billi bejn il-partijiet kien hemm mexjin proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, ressqet ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu fejn fil-qosor saħqet: (i) li mhux minnu li mxiet b'mod diskriminatorju mal-attriċi; (ii) li l-attriċi ma

kinitx impjegata magħha għaliex bis-saħħa tal-kuntratt tas-26 ta' Lulju, 2007, li kellu jintemm fl-aħħar ta' Lulju, 2010, kienet tqabbdet bħala konsulent tagħha; u (iii) li kienet l-attriċi li ma aċċettatx il-"politika ta' impjieg" imħaddma mill-konvenuta.

7. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru, 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

8. B'rikors tat-23 ta' Diċembru, 2016, l-attriċi appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ilmentat: (i) li biex jintemm l-ingaġġ ta' mara fix-xogħol, irid ikun hemm raġunijiet li mhumiex marbuta mal-istat ta' tqala tagħha jew mas-sess tagħha; u (ii) li l-piż li jipprova li ma kienx hemm ksur ta' dan il-prinċipju jaqa' fuq il-prinċipal. Għalhekk hija talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex: (i) tħassar is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Diċembru, 2016; (ii) tiddeċiedi li saret diskriminazzjoni kontra tagħha kif mitlub minnha fir-rikors maħluf; (iii) tagħti dawk l-ordnijiet li huma meħtieġa sabiex tingħata kumpens għal din id-diskriminazzjoni; u (iv) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-kumpanija konvenuta.

9. Illi b'sentenza mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 2023, din il-Qorti b'Imħallfin differenti, iddeċidiet li f'din il-kawża mhux talli ma ntweriex li x-xogħol tal-attriċi ma ntemmx minħabba t-tqala jew ir-responsabbiltajiet tal-familja tagħha, iżda anzi ntwera li t-terminazzjoni seħħet minħabba

raġunijiet tajba, jiġifieri minħabba li ma ntlaħaqx ftehim dwar kundizzjonijiet ta' kuntratt ġdid, wara li kellu jintemm dak tas-26 ta' Lulju, 2007. B'hekk hija ċaħdet l-appell tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti tal-Appell biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

> *«11. Verament, l-argumenti tal-attriċi dwar jekk il-protezzjoni tal-liġijiet relevanti tgħoddx għaliha ma għandhomx wisq relevanza għall-għanijiet tal-appell, għax l-ewwel qorti mkien ma qalet li l-liġijiet relevanti ma jgħoddux għall-każ tal-attriċi: li qalet l-ewwel qorti hu illi fattwalment lill-konvenuta seħħilha turi illi l-ingaġġ tal-attriċi ntemm mhux minħabba konsiderazzjonijiet ta' tqala jew ta' responsabbiltajiet tal-familja, iżda minħabba konsiderazzjonijiet oħra li ma għandhomx x'jaqsmu.*
>
> *12. Il-kwistjoni quddiem din il-qorti mela hija qabel xejn waħda fattwali: il-konklużjoni tal-ewwel qorti dwar il-konsiderazzjonijiet li wasslu lis-soċjetà konvenuta biex ittemm l-ingaġġ tal-attriċi kienet korretta jew le?*
>
> *13. Jingħad qabel xejn illi l-kwistjoni ma hijiex biss it-terminazzjoni tal-ingaġġ tal-attriċi iżda wkoll, u forsi aktar, in-nuqqas tal-konvenuta li tingaġġaha mill-ġdid. Il-konvenuta temmet ir-relazzjoni maħluqa bil-kuntratt tas-26 ta' Lulju 2007 qabel il-waqt u qabel ma ntemm iż-żmien tal-avviż ta' tliet xhur li kellu jingħata taħt il-kuntratt, iżda ta' dan l-attriċi tħallset kumpens. L-ilment tal-attriċi iżda huwa wkoll li ma ġietx ingaġġata mill-ġdid, bi ksur ta' dak li jgħid l-art. 4 tal-Kap. 456:*
>
> > *«4. (1) Prinċipali ma jistgħux jiddiskriminaw, direttament jew indirettament, kontra persuna fl-arranġamenti li jsiru biex jiġi stabbilit jew meta jkun qed jiġi stabbilit min għandu jiġi offrut impieg jew fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-impieg jiġi offrut abbażi tagħhom … … …»*
>
> *14. Għalhekk il-kelma "terminazzjoni" f'din is-sentenza għandha tiftiehem li tfisser kemm it-terminazzjoni tal-ingaġġ taħt il-kuntratt tas-26 ta' Lulju 2007 u kemm ir-rifjut ta' ingaġġ taħt kuntratt ġdid.*
>
> *15. Nibdew billi naraw fuq min jaqa' l-oneru tal-prova, jew, aħjar, xi prova hija meħtieġa u mingħand min.*
>
> *16. L-attriċi tgħid illi l-fatt illi t-terminazzjoni seħħet waqt it-tqala ipso facto jitfa' fuq min iħaddem l-oneru li juri li t-tqala ma kinitx ir-raġuni għat-tkeċċija u li kien hemm raġunijiet oħra tajba u biżżejjed għat-tkeċċija. Għalkemm l-attriċi tgħid illi dan joħroġ minn Direttiva Ewropea, fil-fatt ma huwiex meħtieġ li naraw jekk iseħħux il-kundizzjonijiet biex lil dik id-*

*Direttiva jingħata effett dirett "orizzontali" billi dak li trid id-Direttiva ġie effettivament implementat fil-leġislazzjoni domestika, speċifikament fir-reg. 12 tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) ["L.S. 452.91"] li, fiż-żmien relevanti, kien jgħid hekk:*

*«12. (1) … … … ma għandux ikun legali għall-prinċipal li jkeċċi impjegata tqila … … … mid-data li fiha din l-impjegata tinnotifika formalment lill-prinċipal bit-tqala tagħha sa tmiem il-leave tal-maternità tagħha, u waqt xi perjodu ta' leave speċjali tal-maternità, minħabba fil-kondizzjoni tagħha … … …*

*… … …*

*(3) F'każijiet meta jkun hemm kawża tajba u suffiċjenti għat-tkeċċija tal-impjegata, il-prinċipal għandu:*

*(a) jġib raġunijiet debitament sostanzjati għat-tkeċċija tagħha bil-miktub fl-avviż ta' terminazzjoni tagħha;*

*(b) jibgħat kopja ta' dan l-avviż lid-Direttur.»*

*17. Tgħid ħażin is-soċjetà konvenuta illi dan il-każ ma jintlaqatx bil-L.S. 452.91 għar-raġuni li dan l-Avviż Legali ma sarx taħt il-Kap. 456 iżda taħt l-Att dwar Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ["Kap. 452"]. Jekk ir-Regolament jolqot il-fatti tal-każ il-qorti għandha tapplikah għax iura novit curia u l-fatt waħdu li fir-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża issemmiet liġi partikolari ma jġibx illi liġijiet oħra mhux imsemmija espressament mill-partijiet ma jibqgħux iseħħu. Sakemm il-qorti ma tissorprendix lill-partijiet billi ssemmi għall-ewwel darba fis-sentenza liġi li l-partijiet ma kinux jafu biha – li ma huwiex il-każ – il-qorti hija marbuta illi tapplika l-liġijiet li jgħoddu għaċ-ċirkostanzi tal-każ li jkollha quddiemha.*

*18. Lanqas ma jiswa l-argument tal-konvenuta msejjes fuq id-differenza fit-tifsira ta' "ħaddiem" jew "impjegat" fil-Kap. 452 u dik fil-Kap. 456. Għall-għanijiet tal-Kap. 452[2] (u għalhekk għall-għanijiet ta' Regolamenti magħmula taħtu, fosthom il-L.S. 452.91) u wkoll għall-għanijiet tal-Kap. 456[3] l-attriċi kienet titqies bħala "ħaddiema" jew "impjegata"– u għalhekk kemm il-Kap. 452 u l-Kap. 456 u kemm il-L.S. 452.91 jgħoddu għaliha. Fil-fatt, għalkemm il-prestazzjonijiet tal-attriċi kienu "xogħol jew servizz*

---

[2] *Kap. 452, art. 2(1): »"ħaddiem" għandha l-istess tifsira bħal "impjegat" … … .«;*
*«"impjegat" tfisser persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi xogħol jew ħidma għal ħaddieħor, u taħt id-direzzjon u l-kontroll immedjat ta' persuna oħra, … … … iżda teskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali … … … meta dak ix-xogħol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta' servizz speċifiku.»*

*«"kuntratt ta' servizz"… … … tfisser ftehim … … … sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull għamla li tkun, li bih persuna tintrabat li tagħmel servizz lil jew taħdem għal prinċipal bil-ħlas ta' paga.»*

[3] *Kap. 456, art, 2(1): «"impieg" tfisser kull attività bi qligħ inkluż li l-persuna taħdem għal rasha … … …»*

*mogħti fi sfond professjonali", dan ma jeskludix l-istatus tagħha ta' ħaddiem jew impjegat ladarba regolat minn "kuntratt ta' servizz speċifiku".*

*19. U lanqas ma hu minnu dak li tgħid il-konvenuta illi d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali li l-attriċi ma hijiex "impjegat" hija res iudicata li torbot ukoll fil-każ tal-lum. Dik id-deċiżjoni tiswa biss għall-għanijiet li għalihom ingħatat, viz. il-kompetenza tat-tribunal, u mhux għal għanijiet oħra.*

*20. Id-dispożizzjoni relevanti hija għalhekk dik tar-reg. 12 tal-L.S. 452.91 riprodott fuq.*

*21. L-argument tal-attriċi hu illi d-diriġenti tas-soċjetà attriċi "qatt ma tawha raġuni bil-miktub għat-temm ta' ingaġġ u għalhekk, neċessarjament u inekwivokabilment, irid ikun preżunt illi ma kienx hemm raġuni valida għat-terminazzjoni". Jidher li huwa minnu li kien hemm dan in-nuqqas tas-soċjetà konvenuta li tagħti raġunijiet bil-miktub. Daqstant ieħor, iżda, ma jidhirx li hemm prova illi l-attriċi innotifikat "formalment lill-prinċipal bit-tqala tagħha"[4]. L-attriċi ma wrietx li tat dan l-avviż formali iżda tgħid illi "ma huwiex tenibbli illi l-appellati ma kinux jafu bit-tqala, meta l-appellanti kellha sitt xhur tqala meta tkeċċiet". Tassew illi dan in-nuqqas ta' formalità min-naħa tal-attriċi ma għandux inaqqas id-drittijiet sostanzjali tagħha, iżda min-naħa l-oħra n-nuqqas tal-konvenuta wkoll kien wieħed formali u ma jixraqx illi l-attriċi tinqeda b'nuqqas biss formali tal-parti l-oħra meta hemm nuqqas, daqstant ieħor formali, tagħha.*

*22. Dan ma jfissirx illi l-oneru tal-prova issa jaqa' kollu fuq l-attriċi; ifisser biss illi ma tistax tinqeda bl-argument illi post hoc ergo propter hoc biex toħloq il-preżunzjoni illi t-tqala kienet ir-raġuni għat-temm tal-impieg, biex hekk titfa' fuq il-konvenuta l-oneru li turi li kien hemm raġunijiet oħra tajba u biżżejjed biex intemm l-impieg. Il-kwistjoni għalhekk tibqa' regolata bl-art. 19 tal-Kap. 456.*

*23. L-attriċi tgħid illi l-ewwel qorti applikat verżjoni ħażina tal-art. 19 u illi dan wassal lill-qorti biex ma tgħarbilx sew il-provi.*

*24. Dawn huma ż-żewġ verżjonijiet tal-art. 19, waħda kif kienet fiż-żmien relevanti qabel l-emenda u l-oħra wara l-emenda. Id-differenza hija fl-art. 19(2):*

| *Qabel l-emenda bl-Att XVIII.2014.2* | *Wara l-emenda bl-Att XVIII.2014.2* |
|---|---|
| *»**19**. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 30 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali, kull min jallega li persuna* | *»**19**. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 30 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali, kull min jallega li persuna* |

[4] *L.S. 452.91, reg. 2(1): «"impjegata tqila" tfisser impjegata li formalment tgħarraf lill-prinċipal tagħha bit-tqala tagħha u bid-data tat-twellid mistennija permezz ta' ċertifikatmaħruġ minn tabib jew qabla reġistrati.»*

| | |
|---|---|
| *tkun għamlet xi att fil-konfront tiegħu jew tagħha, li taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikun kontra l-liġi, jkollu jew ikollha dritt ta' azzjoni quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili fejn jitlob jew titlob lill-qorti tordna lill-konvenut jiddeżisti mill-attijiet tiegħu jew tagħha kontra l-liġi u, meta dan ikun japplika, tordna li jsir il-ħlas ta' kumpens għal dik il-ħsara li jkun ġarrab jew tkun ġarrbet minħabba f'dak l-att kontra l-liġi.*<br><br>*»(2) Fi proċedimenti taħt is-subartikolu (1) ikun biżżejjed li l-attur iġib jew iġġib prova ta' trattament b'mod anqas favorevoli minħabba fis-sess tiegħu jew tagħha jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja u l-oneru jkun fuq il-konvenut li jġib jew iġġib prova li dak it-trattament anqas favorevoli kien ġustifikat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att."* | *tkun għamlet xi att fil-konfront tiegħu jew tagħha, li taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikun kontra l-liġi, jkollu jew ikollha dritt ta' azzjoni quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili fejn jitlob jew titlob lill-qorti tordna lill-konvenut jiddeżisti mill-attijiet tiegħu jew tagħha kontra l-liġi u, meta dan ikun japplika, tordna li jsir il-ħlas ta' kumpens għal dik il-ħsara li jkun ġarrab jew tkun ġarrbet minħabba f'dak l-att kontra l-liġi.*<br><br>*»(2) Fi proċedimenti taħt is-subartikolu (1) u f'kull proċedimenti oħra li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali quddiem awtorità kompetenti li ma tkunx Qorti msemmija fis-subartikolu (1), meta persuni li jikkunsidraw ruħhom trattati ħażin għaliex il-prinċipju ta' trattament ugwali ma ġiex applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem il-Qorti, jew quddiem dik l-awtorità kompetenti, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien ingħata trattament inqas favorevoli, direttament jew indirettament, minħabba fis-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja tagħhom, għandu jkun il-konvenut jew il-persuna li kontra tagħha jkunu inġiebu dawk il-proċedimenti li jġibu prova li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali jew li dak it-trattament inqas favorevoli kien ġustifikat skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u l-Qorti jew dik l-awtorità kompetenti għandha tilqa' l-ilment jekk il-konvenut jew il-persuna li kontra tagħha jkunu nġiebu dawk il-proċedimenti ma jġibx prova li hu ma wettaqx att illegali.* |

*25. Id-differenza għall-għanijiet ta' din il-kawża hi illi fl-ewwel verżjoni l-attriċi trid turi li l-konvenuta temmet l-ingaġġ tagħha "minħabba fis-sess … tagħha jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja" waqt illi fit-tieni verżjoni hu biżżejjed illi turi "fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien ingħata trattament inqas favorevoli, direttament jew indirettament, min-ħabba fis-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja tagħhom". L-ewwel qorti qieset illi r-reg. 19 joħloq regola ta' proċedura u għalhekk huwa applikabbli minnufih. Din il-qorti iżda ma taqbilx illi r-*

*regola hija biss waħda ta' proċedura, għax tolqot is-sustanza tal-prova li trid tinġieb u għalhekk tibdel il-pożizzjoni legali tal-partijiet u l-obbligazzjonjiet tagħhom lejn xulxin fiż-żmien relevanti. Għalhekk taqbel mal-attriċi illi l-art. 19 għandu jiġi applikat kif kien fiż-żmien relevanti (għalkemm verament jidher li t-tieni verżjoni hija aktar favorevoli għaliha).*

*26. Mela taħt l-art. 19 l-oneru huwa qabelxejn fuq l-attriċi illi turi illi t-temm tal-ingaġġ tagħha seħħ "minħabba fis-sess … tagħha jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja". L-ewwel qorti sabet illi "l-ewwel kweżit tal-artiklu 19 tal-Kap. 456 ma jirriżultax sodisfatt" u għalhekk multo magis kienet issib li ma ġiex sodisfatt taħt il-kondizzjonijiet kemmxejn aktar stretti tat-tieni verżjoni. Minkejja dan, iżda, l-ewwel qorti kompliet tgħid illi "hi l-fehma ta' din il-qorti li min-naħa tagħha s-soċjetà intimata issodisfat l-oneru tagħha naxxenti mill-istess artiklu 19 in diżamina billi ipprovat għas-sodisfazzjon tal-qorti li fl-aġir tagħha in diżamina ma jirriżultax li kien hemm id-diskriminazzjoni lamentata mir-rikorrenti".*

*27. Ukoll jekk tqis illi seta' kien hemm ċirkostanzi li lill-attriċi tawha x'tissuspetta illi t-terminazzjoni kienet għal raġuni illeċita, u għalhekk, bħall-ewwel qorti, tqis ukoll jekk lill-konvenuta seħħilhiex turi li r-raġunijiet kienu validi, din il-qorti, ukoll bħall-ewwel qorti, hija tal-fehma illi ntwera li t-tqala tal-attriċi ma kinitx ir-raġuni għat-terminazzjoni.*

*28. Il-qorti tibda billi tgħid illi tissimpatizza mal-attriċi meta din toġġezzjona għall-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi s-suspetti tal-attriċi nħolqu "minħabba l-maternità u minħabba l-perjodu sentimentalment iebes li kienet preċedentement għaddiet minnu minħabba d-dipartita tal-mamà tagħha", kemm għax il-kumment forsi juri nuqqas ta' sensitività u wkoll għax ma hux imsaħħaħ bi provi oġġettivi. Madankollu ma jistax ma jingħadx illi l-attriċi dehret sa minn qabel predisposta li taħseb li t-tqala kienet sejra jkollha effett fuq ir-relazzjoni tagħha mal-konvenuta, u għalhekk ħadet l-atteġġjament li qiegħda tieħu f'din il-kawża. Fil-fatt żewġ l-attriċi stess stqarr illi malli ħarġet tqila martu "mill-ewwel" kienet qaltlu illi "issa li ħarġet tqila ma kinitx taħseb li s-soċjetà intimata kienet sejra żżommha fl-impieg li kellha magħha"[5]. Dan is-suspett inħoloq "mill-ewwel", u qabel ma nbdew in-negozjati mal-konvenuta xi xhur wara li l-attriċi ħarġet tqila. Dan ma jeskludix ipso facto li s-suspetti tal-attriċi setgħu kellhom mis-sewwa, iżda jitfa' dawl fuq l-interpretazzjoni illi l-attriċi tat lill-fatti li seħħew wara.*

*29. Jidher ukoll mill-affidavit tal-attriċi stess[6] illi n-negozjati dwar kuntratt ġdid wara dak tas-26 ta' Lulju 2007 kienu nbdew qabel ma għarrfet informalment lid-diriġenti tal-konvenuta dwar it-tqala tagħha, u ġà f'dan l-istadju kien hemm differenzi sostanzjali fil-fehmiet tal-partijiet dwar il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ġdid, u din ġà hija indikazzjoni li anke f'dan l-istadju kien hemm raġunijiet li ma kellhom xejn x'jaqsmu mat-tqala u li*

---

[5] *Xhieda ta' Pierre Ellul fis-seduta tad-29 ta' April 2014, fol. 46.*
[6] *Fol. 50, para. 7 u 8.*

*eventwalment wasslu biex l-ingaġġ ma ġġeddidx.*

*30. Dan, fil-fehma tal-qorti, huwa konfermat bl-offerta magħmula mill-konvenuta lill-attriċi fl-10 ta' Diċembru 2009, meta l-konvenuta kienet taf bit-tqala. Kif jixhed il-memorandum[7] mibgħut dakinhar lill-attriċi minn diriġent tal-konvenuta, il-konvenuta, għalkemm osservat illi l-kuntratt propost "reflected company policy", madankollu ddikjarat illi kienet "able to accommodate certain of your requirements", fosthom:*

> *«In relation to you informing us on the 5th of November of your pregnancy … … … we will be pleased to agree to your absenteeism from responsibilities to attend the office and would be pleased to discuss this with you in terms of the detail as you wish and as appropriate.»*
>
> *«During your absence from the office CHI is pleased to confirm that we will make an ex gratia discretionary payment on the basis should you decide to continue with your present consultancy agreement.»*

*31. Dan juri illi t-tqala tal-attriċi ma kinitx sejra tkun ta' ostakolu. Il-konvenuta iżda baqgħet tinsisti dwar kondizzjonijiet oħra, partikolarment dwar ħlas u xogħol privat, li l-attriċi ma aċċettathomx, u kien dan li wassal biex ma ntlaħaq ebda ftehim.*

*32. Tassew illi l-attriċi ssemmi konverżazzjoni li kellha dak iż-żmien ma' Alfred Pisani, chairman mhux tal-bord tad-diretturi tal-konvenuta iżda tal-Corinthia Group, u tgħid illi dan qalilha:*

> *«… … … you see, again you are looking at it from your own selfish needs. How are you going to prioritise the company with a child? What are you going to do when you have your child? How are you going to juggle the company's needs, yourself and your child? You need to take a decision as to what you want.»* [8]

*33. Iċ-chairman jiċħad dan[9] u xehed ukoll illi d-deċiżjoni dwar il-kondizzjonijet tal-impieg ma ħadhiex hu.*

*34. Il-qorti temmen illi ċ-chairman ma kienx involut fid-deċiżjoni dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-attriċi u t-terminazzjoni tal-impieg; li kieku kien involut f'din il-materja kien x'aktarx ikun ingħata parir dwar is-sitwazzjoni legali ta' impjegata tqila u ma kienx sejjer jgħid dak il-kliem biex joħloq suspetti. Kif tgħid l-attriċi stess fir-rikors tal-appell, "hu minn ewl id-dinja illi ħadd ma jkun stupidu biżżejjed illi jikkreja … konverzazzjonijiet 'inkriminanti' biex iġib lilu nnifsu f'pożizzjoni li hemm prova illi t-tkeċċija seħħet minħabba t-tqala". Għalhekk, ukoll jekk tassew sar dak id-diskors, ma kienx waħda mill-konsiderazzjonijiet li wasslu biex intemmet ir-relazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenuta.*

*35. Barra minn hekk, ukoll jekk tassew kien hemm dak id-diskors,*

---

[7] *Fol. 101 et seqq.*
[8] *Fol. 110.*
[9] *Xhieda ta' Alfred Pisani fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014, foll. 135 et seq.*

*għandu jiftehem fil-kuntest tad-diskursata sħiħa bejn l-attriċi u ċ-chairman illi, kif tixhed l-attriċi stess fl-affidavit fuq imsemmi, matulha saru kummenti miċ-chairman dwar imġiba – fil-fehma tiegħu egoista – tal-attriċi f'okkażjonijiet preċedenti:*

> *«Let's face it, you have never really been part of corporate. You are selfish and have always put your needs before the company. Even when your mother was dying you took time off work to be with her yet went to play tennis. … … … Does it not concern you that persons say things about you … … … that you always put yourself first?»*

*36. Ukoll jekk dan il-kumment dwar egoiżmu ma kienx oġġettivament ġustifikat u msejjes fuq interpretazzjoni ħażina ta' ċerti fatti, juri illi l-pre-okkupazzjoni taċ-chairman kienet dwar dak li deherlu li kien l-atteġġjament tal-attriċi u mhux dwar it-tqala. F'kull każ, iżda, il-fehma tajba jew ħażina taċ-chairman ma kellhiex relevanza ladarba ma kienx involut fit-trattativi dwar il-kundizzjonijiet tal-impieg u fid-deċiżjoni illi jintemm l-impieg, għax, kif rajna, kien hemm raġunijiet oħra – speċifikament in-nuqqas ta' ftehim dwar il-kundizzjonijiet – li wasslu biex ma sarx kuntratt ġdid mal-attriċi. Fil-fatt il-qorti temmen illi kien dan in-nuqqas ta' ftehim – u mhux xi nuqqas tal-attriċi, kif tallega wkoll il-konvenuta fit-tweġiba tagħha għall-appell – li wassal biex ir-relazzjoni ntemmet, għax il-konvenuta wriet li kienet disposta tkompli tingaġġa lill-attriċi li kieku setgħu waslu għal ftehim dwar il-kundizzjonijiet.*

*37. Fil-fehma tal-qorti għalhekk mhux biss ma ntweriex illi t-terminazzjoni ma seħħitx minħabba t-tqala jew ir-responsabbiltajiet tal-familja tal-attriċi iżda anzi ntwera illi seħħet minħabba raġunijiet tajba u biżżejjed, viz. illi ma ntlaħaqx ftehim dwar kundizzjonijiet ta' kuntratt ġdid wara li jintemm dak tas-26 ta' Lulju 2007.*

*38. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell.*

*39. L-ispejjeż tal-appell tħallashom l-attriċi appellanti.»*

11. Issa l-attriċi ressqet rikors fil-5 ta' Jannar, 2024, għaliex qiegħda tgħid li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont is-**subartikoli (e)**, **(h)** u **(l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li skontha: (i) din il-Qorti applikat il-liġi ħażin; (ii) is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hija kuntrarja għal sentenza oħra mogħtija qabel mit-Tribunal Industrijali, li ġiet deċiża bejn l-istess partijiet u għaddiet f'ġudikat; u (iii) is-sentenza

hija wkoll milquta minn żbalji ta’ fatt.

12. Minħabba f’hekk, hija talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li jeżistu raġunijiet biżżejjed għar-ritrattazzjoni skont il-liġi tas-sentenza, u dan a tenur tal-Artikolu 811(e) u/jew 811(h) u/jew 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;*
>
> *2. Konsegwentement tirrexxindi, tħassar u tannulla s-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tad-9 ta’ Ottubru, 2023 fejn din l-istess Onorabbli Qorti ċaħdet l-appell tal-appellanta Dr Anika Psaila Savona u dana minħabba li hija vizzjata kif ingħad hawn fuq a tenur tal-Artikolu 811(e) u/jew 811(h) u/jew 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;*
>
> *3. Tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tas-sentenza, skont il-liġi;*
>
> *4. Tagħti kwalunkwe ordni oħra li jidhrilha xieraq u opportun.*
>
> *Bl-ispejjeż.»*

13. Il-kumpanija konvenuta wieġbet għal dan ir-rikors fl-20 ta’ Frar, 2024, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għaliex fil-fehma tagħha r-rikors tal-attriċi għandu jiġu miċħud.

14. Inżammet seduta fis-16 ta’ April, 2024, li matulha l-avukati tal-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet bil-fomm tagħhom, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta’ ritrattazzjoni.

16. Dan l-istitut huwa msejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u saret ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Boris Arcidiacono et v. Salvu Schembri et***, Appell Superjuri tal-14 ta' Ottubru, 2014).

17. Talba ta' ritrattazzjoni għalhekk mhix appell mis-sentenza f'dik il-kawża, bħalma lanqas ma hi okkażjoni oħra biex il-parti telliefa terġa' tressaq l-argumenti tagħha wara li dawk l-argumenti ma rebbħulhiex il-kawża (ara ***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Pace et noe et***, Appell Superjuri tat-22 ta' April, 2004).

18. L-ewwel kawżali li fuqha l-attriċi ritrattandi qiegħda ssejjes it-talba tagħha biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2023 tiġi mħassra hija li f'din is-sentenza ġiet applikata l-liġi b'mod ħażin, skont ma jgħid l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

19. L-attriċi tilmenta prinċipalment minn dik il-parti tas-sentenza tad-9 ta' Ottubru, 2023, fejn din il-Qorti stqarret li hija naqset milli tagħti avviż formali lill-kumpanija konvenuta dwar it-tqala tagħha u b'hekk hija ma setgħetx, min-naħa tagħha, tieħu vantaġġ min-nuqqas tal-kumpanija

konvenuta milli tagħtiha raġunijiet bil-miktub għat-tmiem tal-ingaġġ tagħha magħha. Dan minkejja li, skont l-attriċi, dan in-nuqqas jikkonsisti fi ksur ċar tad-**Direttiva Ewropea 92/85** u tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza fl-ismijiet ***Danosa v. LKB***, li nqatgħet mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-11 ta' Novembru, 2010.

20. Hija tissokta tfisser li r-raġunament tas-sentenza attakkata huwa msejjes fuq ir-**Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità Impjieg (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91)**, li jobbligaw lil kull impjegata li tagħti avviż lill-prinċipal tagħha dwar it-tqala tagħha sabiex tkun tista' tfittex protezzjoni taħt dawn ir-Regolamenti. Tgħid li l-Qorti rraġunat li l-kelma "impjegata" f'dan il-kuntest għandha tingħata tifsira wiesgħa biex tinkludi wkoll kwalunkwe persuna b'kuntratt ta' ingaġġ.

21. Hija tilmenta li madankollu l-Qorti fis-sentenza attakkata ma qisitx li la l-**Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91** u lanqas l-att prinċipali (l-**Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali**) ma kienu jippermettu tifsira wiesgħa tal-kelma "impjegata" fiż-żmien rilevanti. Tisħaq li bil-kontra għal dak li ġiet stabbilit fis-sentenza ta' ***Danosa v. LKB***, taħt il-liġi domestika l-kelma "impjegata" timplika relazzjoni taħt kuntratt ta' impjieg u mhux taħt xi arranġament ieħor, bħalma huwa kuntratt ta' konsulenza. Hi tgħid li huwa għalhekk li hija insistiet u għadha qiegħda tinsisti fuq it-tħaddim tal-**Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa** u tal-imsemmija

**Direttiva**, aktar milli fuq l-**Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** u l-**Leġislazzjoni Sussidjarja** magħmula taħtu. Skont l-attriċi huma d-**Direttiva** u l-**Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa** li jagħtuha rimedju kontra d-diskriminazzjoni u mhux l-**Avviż Legali** mħaddem mill-Qorti, li f'dan il-każ mhuwiex applikabbli.

22. Hija tkompli tilmenta li huwa ironiku u inġust li l-Qorti tatha raġun dwar il-fatt li hija kien ħaqqha l-protezzjoni mogħtija mill-**Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa**, iżda mbagħad ċaħħditha minnha fil-mertu u għażlet li tħaddem il-**Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91** kontra tagħha, billi tatha tort talli ma għarrfitx lill-kumpanija konvenuta dwar it-tqala tagħha skont din il-**Leġislazzjoni Sussidjarja**. Dan aktar u aktar meta skontha, id-diretturi tal-kumpanija konvenuta, fosthom Tony Potter u ċ-*Chairman* tal-Corinthia kienu jafu tajjeb li hija kienet qiegħda tistenna tarbija. Issostni li l-**Leġislazzjoni Sussidjarja** ntużat mill-Qorti biex teżonera lill-kumpanija konvenuta mill-obbligu tagħha li tagħti raġunijiet għat-tmiem tal-ingaġġ – obbligu li huwa impost fid-**Direttiva 92/85** u rikonoxxut fis-sentenza ta' ***Danosa v. LKB***.

23. L-attriċi tagħlaq billi tgħid li b'hekk li l-Qorti tal-Appell applikat ħażin il-liġi għaliex applikat il-**Leġislazzjoni Sussidjarja** marbuta ma' "impjieg" minflok l-**Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa**, li fuqu ssejset din il-kawża, u d-**Direttiva 92/85**.

24. Din il-Qorti titlaq billi tqis li jkun hemm raġuni tajba ta' ritrattazzjoni taħt din il-kawżali jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, jirriżulta li l-Qorti tkun applikat artikolu tal-liġi flok ieħor li kellu suppost jiġi applikat (ara ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021 u ***Nutar Dottor John Cachia Zammit et v. L-Awtorità tal-Artijiet et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar, 2024).

25. Kif rajna, fir-rikors tagħha, l-attriċi qiegħda tgħid li din il-Qorti tal-Appell, kif impoġġija b'Imħallfin differenti, ma messhiex ħaddmet il-**Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91** għal dan il-każ minħabba li hija ma kinitx impjegata tal-kumpanija konvenuta iżda kellha biss kuntratt ta' ingaġġ mal-kumpanija konvenuta biex tipprovdilha servizzi ta' konsulenza. Hija tisħaq li minflok, il-Qorti tal-Appell kellha tapplika l-**Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa** u d-**Direttiva tal-Kunsill 92/85/EEC**.

26. Mingħajr ebda tlaqliq, din il-Qorti jkollha tistqarr li hija tinsab x'aktarx sorpriża b'dawn l-argumenti tal-attriċi għaliex permezz tagħhom l-attriċi qiegħda twarrab u saħansitra ġġib fix-xejn l-argumenti mressqa minnha fir-rikors tal-appell tagħha. Tassew, din il-Qorti ma tistax tifhem kif fl-ilmenti mressqa minnha fir-rikors tal-appell l-attriċi saħqet: (i) li ma

hemm ebda distinzjoni bejn impjieg u ingaġġ; u (ii) li bejnha u bejn il-kumpanija konvenuta kien hemm relazzjoni ta' xogħol u saħansitra anke dik ta' impjieg; mentri issa fir-rikors għar-ritrattazzjoni qiegħda ddoqq qanpiena differenti billi tgħid li hija ma kinitx impjegata tal-kumpanija konvenuta.

27. Hekk ukoll, din il-Qorti qajla tista' tifhem kif l-attriċi qiegħda tinsisti li r-**Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità Impjieg (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91)**, m'għandhomx jitħaddmu f'dan il-każ, u fl-istess nifs hija tisħaq li għandha tapplika d-**Direttiva tal-Kunsill 92/85/EEC**, meta l-iskop wara r-**Regolamenti** hawn fuq imsemmija kien sewwasew, *«li jippreskrivu ħtiġijiet minimi maħsubin biex jissalvagwardjaw id-drittijiet ta' l-impieg ta' impjegati tqal, impjegati li għadhom kemm welldu u impjegati li qed ireddgħu, u b'hekk itaffu titjib fis-sigurtà u s-saħħa ta' dawn l-impjegati u jdaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/EEC»* (ara r-**Regolament 1(2) tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità Impjieg**).

28. Tassew, wieħed ma jifhimx kif l-attriċi qiegħda tippretendi li għandha tapplika d-**Direttiva Ewropea** imma m'għandhomx japplikaw ir-**Regolamenti**, li huma maħsubin biex idaħħlu fis-seħħ l-imsemmija **Direttiva** fil-liġi domestika. Wara kollox, kif qalet tajjeb din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2023, dak li trid id-**Direttiva** ġie

effettivament implimentat fil-leġislazzjoni domestika, b'mod speċifiku fir-**Regolament 12 tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità Impjieg**. Jiġi b'hekk li tgħid ħażin l-attriċi li huwa biss l-**Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa** li jipproteġiha minn diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol minħabba t-tqala.

29. L-attriċi iżda tilmenta li fis-sentenza tagħha din il-Qorti interpretat b'manjiera wiesgħa l-kelma "impjegata", kif kienet imfissra taħt l-**Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa**, fiż-żmien meta ntemm ix-xogħol tagħha, u bħal donnha tagħti x'tifhem li l-Qorti tal-Appell applikat b'mod retroattiv it-tifsira ta' din il-kelma, kif mibdula u mwessa', wara li seħħ it-tmiem tax-xogħol tal-attriċi.

30. L-attriċi kien ikollha raġun f'dan l-ilment tagħha li kieku din il-Qorti tassew ħaddmet tifsira ġdida tal-kelma "impjegata" b'mod retroattiv għaż-żmien ta' meta seħħ dan il-każ (ara f'dan is-sens ***Henry Allison v. Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-7 ta' Lulju, 2021); madankollu din il-Qorti ma jirriżultalhiex li sal-lum kien hemm xi tibdil fit-tifsira tal-kelma "impjegata" minn meta daħal fis-seħħ għall-ewwel darba l-**Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali**. Għalhekk, dan l-ilment tal-attriċi huwa għalkollox mingħajr sies legali.

31. Lil hemm minn dan, l-attriċi mhijiex siewja fit-tentattiv tagħha li ma

tiġix ikkategorizzata bħala "impjegata" taħt l-**Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** u taħt ir-**Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità Impjieg (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91)** biex jinħafrilha n-nuqqas tagħha li tagħti avviż lill-kumpanija konvenuta dwar it-tqala tagħha. Fil-każ tagħna, il-Qorti tal-Appell qabblet it-tifsiriet ta' "ħaddiem" u "impjegat" taħt l-**Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** mat-tifsira ta' "impjieg" taħt l-**Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa** u waslet għall-konklużjoni korretta li l-attriċi kienet titqies bħala "ħaddiema" jew "impjegata" taħt iż-żewġ liġijiet.

32. F'dan it-tentattiv tagħha, inkluż fis-saħqa tagħha li din il-Qorti kellha tinterpreta t-tifsira ta' "impjegat" skont is-sentenza ta' ***Danosa v. LKB***, joħroġ ċar li l-attriċi qiegħda tinsa element importanti mir-rekwiżiti tal-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jiġifieri, dik il-parti tal-liġi li tgħid li hemm bażi ta' ritrattazzjoni fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi, *«basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni.»*

33. Sewwasew fil-każ tagħna, dak li qiegħda tagħmel l-attriċi huwa li tipprova tħeġġeġ jew iċċaqlaq lil din il-Qorti sabiex terġa' tqis it-tifsira ta' "impjegata" taħt l-**Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** u tinterpretaha kif tixtieq hi, jiġifieri, b'mod differenti minn kif ġiet interpretata minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata. Dan il-liġi tal-proċedura ma

tippermettihx għaliex b'dan il-mod l-attriċi qiegħda sempliċement tfittex li tressaq appell minn deċiżjoni mogħtija fit-tieni istanza (ara ***Helen Schembri et v. Anthony George Zahra nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju, 2004 u ***Dr Patrick Spiteri v. Sylvana Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

34. L-ewwel raġuni għar-ritrattazzjoni tas-sentenza msemmija mill-attriċi Anika Psaila Savona qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

35. It-tieni raġuni mogħtija mill-attriċi sabiex issir ir-ritrattazzjoni tal-appell imressaq minnha hija msejsa fuq l-**Artikolu 811(h) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Hija tgħid li t-Tribunal Industrijali, li huwa l-*forum* rilevanti fil-kuntest ta' terminazzjoni ta' mpjieg, kien wasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ ma kienx hemm kuntratt ta' impjieg u b'hekk il-Qorti tal-Appell ma setgħetx timponi fuq l-attriċi obbligi formali u proċedurali ta' notifika li huma applikabbli biss fil-kuntest ta' "impjieg" kif mifhum fil-liġi domestika. Hija tisħaq li b'hekk is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2023 tmur kontra sentenza oħra mogħtija aktar qabel mit-Tribunal Industrijali, li llum għaddiet f'ġudikat. Dan sewwasew għaliex it-Tribunal Industrijali ma qiesx li l-attriċi kienet "impjegata" għall-għanijiet tal-**Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** u l-**Leġislazzjoni Sussidjarja** magħmula taħtu.

36. Minn dak li jiddisponi l-**Artikolu 811(h)**, hawn fuq imsemmi, din il-Qorti tqis li biex jingħata lok għat-tħassir ta’ sentenza taħt din il-kawżali u s-smigħ tal-każ mill-ġdid, jeħtieġ li dik is-sentenza tkun tmeri jew tkun f’kunflitt ma’ sentenza oħra li tkun ingħatat qabel u li tkun għaddiet f’ġudikat. Kemm is-sentenza attakkata u dik ta’ qabilha jridu jkunu ngħataw f’kawżi bejn l-istess partijiet u huwa meħtieġ li l-oġġett tal-kawża maqtugħa bl-ewwel kawża u dak fit-tieni kawża jkun l-istess wieħed. Minbarra dan, jeħtieġ ukoll li l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma tkunx tqajmet u ma tkunx ingħatat deċiżjoni dwarha fit-tieni kawża.

37. Marbut sfiq ma’ dan l-artikolu tal-liġi, hemm il-prinċipju tar-*res iudicata* li għandu bħala s-sisien tiegħu l-interess pubbliku u huwa maħsub: (i) biex iħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f’sentenza; (ii) li jbiegħed il-possibbiltà ta’ deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin; u (iii) li jtemm il-possibbiltà ta’ kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun ingħatat (ara ***Charles Cortis v. Francis X Aquilina et*** mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta’ Settembru, 2003).

38. Issa huwa miżmum f’għadd ta’ sentenzi tal-qrati tagħna, li biex tingħata ħajja lill-kawżali taħt l-**Artikolu 811(h) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, is-sentenza li tkun ingħatat l-ewwel

u dik ta' wara li ma tkunx taqbel magħha jridu jkunu t-tnejn iddeċidew il-mertu tal-kwistjoni mqanqla bejn il-partijiet (ara ***David Theuma et v. Giuseppi Spiteri*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020). Tassew, ma jkunx biżżejjed li xi waħda miż-żewġ sentenzi tkun iddeċidiet biss xi punt preliminari li ma jsarrafx, fih innifsu, f'deċiżjoni li tagħmel ġudikat lill-qorti li tkun tatu (ara ***Angela Borg et v. Anthony Sciberras*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2014).

39. Fil-każ tagħna, id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, li l-attriċi tgħid li ma qisithiex bħala impjegata tal-kumpanija konvenuta, u li skontha għaddiet f'ġudikat, kienet biss dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-imsemmi Tribunal biex jisma' t-tilwima tax-xogħol li ressqet l-attriċi kontra l-konvenuta. Kemm hu hekk, it-Tribunal Industrijali ma daħalx fil-mertu jew fil-qalba tal-kwistjoni. F'dan is-sens ingħad mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet ***Tabib Dr Alexander Cachia Zammit et v. Lawrence Caruana***, li ngħatat fil-31 ta' Ottubru, 2007, li deċiżjoni predeċenti li tiddikjara l-inkompetenza tagħha m'għandhiex l-effett ta' ġudikat bejn il-partijiet. Dan hu hekk għaliex meta qorti tiddeċiedi li m'għandhiex kompetenza jew ġurisdizzjoni, il-konsiderazzjonijiet magħmula minnha jkunu *obiter dicta* u mhux *ratio decidendi* u għalhekk ma jistax ikun hemm ġudikat dwar il-mertu tal-każ (ara ***Cosimo Marziano et v. Silvia Marziano et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2021).

40. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti kienet siewja meta qieset li d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tiswa biss għall-għanijiet li għalihom ingħatat, jiġifieri f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompetenza tat-Tribunal. Ladarba d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali ma ssarrafx f'ġudikat bejn il-partijiet jisfuma fix-xejn l-ilment tal-attriċi ritrattandi taħt din il-kawżali.

41. It-<u>tielet u l-aħħar raġuni</u> mressqa mill-attriċi biex titħassar is-sentenza maqtugħa minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2023, hija li din hija milquta bi żbalji ta' fatt li joħorġu mill-atti tal-kawża skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

42. Fl-ewwel lok, l-attriċi tgħid li bil-maqlub ta' dak li qieset din il-Qorti fis-sentenza tagħha, ir-raġuni li ġie tterminat il-kuntratt tagħha ma kinitx dik li ma ntlaħaqx ftehim dwar kuntratt ġdid. Anzi, tgħid li hemm konferma minn Tony Potter, li wara d-diskussjonijiet li saru f'Diċembru 2009, il-partijiet kienu qablu li jitkompla l-kuntratt ta' ingaġġ li kien hemm fis-seħħ u li jinżammu l-istess kundizzjonijiet tiegħu. Għalhekk, skont l-attriċi din il-Qorti kienet żbaljata meta qalet li ma kien intlaħaq ebda ftehim.

43. Fit-tieni lok, l-attriċi tgħid li din il-Qorti żbaljat ukoll meta qieset, għal aktar minn darba fis-sentenza tagħha, li hija kienet ġiet ikkumpensata għat-terminazzjoni bikrija tal-ingaġġ tagħha. Ittenni li kemm hu hekk, hija

ma kienet aċċettat ebda ħlas sabiex ma tippreġudikax il-pożizzjoni tagħha, u għalhekk baqgħet sal-lum il-ġurnata ma ġietx ikkumpensata.

44. L-attriċi tisħaq li dawn il-punti kienu ċentrali għad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti. Madankollu mill-atti jirriżulta li din il-Qorti kienet fattwalment żbaljata dwarhom.

45. Il-Qorti tqis li l-**Artikolu 811(l)**, hawn fuq imsemmi, jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

46. L-eżami li jrid isir huwa jekk is-sentenza attakkata hijiex imsejsa fuq fatt li fil-verità ma jeżistix, jew inkella jekk din is-sentenza ngħatatx fuq l-assenza ta' fatt li fil-verità jeżisti. F'dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex mitluba tgħid jekk l-apprezzament tal-fatt imwettaq fis-sentenza attakkata kienx wieħed tajjeb jew le. Lanqas li tgħarbel jekk il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza attakkata, li wasslu għas-suppożizzjoni tal-eżistenza jew l-assenza ta' dak il-fatt, kinux tajba jew ħżiena (ara ***Prokuratur Legali Joseph Zammit nomine v. Michael Fenech pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Awwissu, 2021).

47. L-iżball ma jridx imiss mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza, li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-

sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant (ara ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021). Fi kliem aktar ħafif, irid jintwera li l-iżball ikun wieħed materjali ta' fatt u mhux żball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni (ara ***Gourmet Company Limited et v. Mariano Vella*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2005).

48. Kif tajjeb poġġietha din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Mare Blu Tuna Farm Limited v. Dr Louis Cassar Pulliċino nomine*** deċiża fl-4 ta' Ottubru, 2010 irid, *«ikun hemm prova ċara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li għandha biss tifsira waħda u unika, ċjoè li tistabbilixxi ċertu fatt jew li teskludih, u minflok il-ġudikant bi żball u proprju għaliex ma ndunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tiegħu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost żbaljat.»*

49. Barra minn hekk, skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jista' jkun hemm lok ta' ritrattazzjoni fuq żball ta' fatt, «*basta li, ...., il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza*» (ara f'dan is-sens ***Marie-Louise Muscat Inglott sive Marie-Louise Muscat Manduca et v. Louis Manduca*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002, ***Saviour Ellis pro et noe v. Rita Ellis et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru, 2010 u ***Christopher Gauci v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur***

***Miżjud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020).

50. Issa minn qari tas-sentenza attakkata, wieħed dlonk jista' jintebaħ li l-punti fattwali, li skont l-attriċi sar żball fuqhom minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata, kienu kollha punti li ġew trattati b'mod speċifiku quddiem din il-Qorti. Dan minħabba li dawn il-punti kienu kollha jiffurmaw parti mill-ilmenti li tressqu fir-rikors tal-appell tagħha. Ifisser dan, li dak li qiegħda tagħmel l-attriċi b'dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni huwa biss li sempliċement tattakka l-mod ta' kif din il-Qorti interpretat il-fatti tal-kawża u waslet għall-konklużjoni: (i) li l-attriċi kienet tħallset kumpens għat-terminazzjoni bikrija tagħha; u (ii) li bejn il-partijiet ma kien intlaħaq ebda ftehim dwar il-kundizzjonijiet tal-kuntratt il-ġdid li kellu jidħol fis-seħħ wara li jintemm dak tas-26 ta' Lulju, 2007.

51. Wieħed jista' jgħid li l-appell tal-attriċi ġie miċħud, fost affarijiet oħra, fuq is-saħħa tat-tifsira li l-Qorti tal-Appell tat: (i) liċ-ċekk maħruġ mill-kumpanija konvenuta f'isem l-attriċi (ara kopja ta' dan iċ-ċekk f'paġna 118 tal-atti tal-kawża); u kif ukoll (ii) lin-nuqqas ta' qbil ta' bejn il-partijiet dwar il-kundizzjonijiet li kellhom jiddaħħlu fil-kuntratt il-ġdid tal-impjieg tal-attriċi. Il-Qorti tal-Appell ma ħarbilha xejn mill-fatti li kien hemm fl-atti tal-kawża. Mod ieħor, hija t-tifsira li ngħatat mill-Qorti tal-Appell għal dawk il-fatti, li mhijiex togħġob lill-attriċi ritrattandi (ara ***Nazzareno Zahra et v. Emanuel Zahra*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu, 2024).

52. L-attriċi tista' ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell u mal-interpretazzjoni li din tat dwar dawn il-ħwejjeġ, iżda b'daqshekk dan ma joħloqx żball ta' fatt skont l-**Artikolu 811(l)**. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Joseph Agius et v. Ġolu Spiteri*** maqtugħa fil-31 ta' Mejju, 2019, kawża ta' ritrattazzjoni m'għandhiex isservi sabiex issir interpretazzjoni differenti minn dik tal-Qorti li tkun iddeċidiet il-kawża, għaliex inkella din il-Qorti tkun qiegħda tqis appell minn deċiżjoni li ma tistax tiġi appellata (ara wkoll ***Maria Dolores sive Doris Debono v. Alfred Galea et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2006).

53. Il-kwistjoni quddiem il-Qorti llum mhijiex jekk ir-raġunament tas-sentenza attakkata huwiex tajjeb jew le. Il-kwistjoni hi jekk is-sentenza hijiex l-effett ta' żball dwar fatt li ma kienx punt ikkontestat deċiż fis-sentenza. Is-sentenza attakkata qieset il-kwistjonijiet kollha ta' fatt imsemmija mill-attriċi fir-rikors għar-ritrattazzjoni tagħha, iżda waslet għal konklużjoni kontra dak li riedet hi. Kulma qiegħda tfittex l-attriċi llum hu li d-deċiżjoni fuq dawn il-punti tiġi meqjusa mill-ġdid.

54. L-apprezzament tal-fatt imwettaq minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata jista' jkun tajjeb u jista' jkun żbaljat, iżda l-kwistjoni ma tistax terġa' tinfetaħ fi proċeduri bħal dawk tal-lum, għax proċedura ta' ritrattazzjoni mhijiex grad ieħor ta' appell (ara ***Cassar Fuel Limited v.***

***Gozo Channel (Operations) Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2021 u ***George Camilleri et v. David Buttigieg et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2023).

55. Għalhekk anke din l-aħħar raġuni biex titħassar is-sentenza ta' din il-Qorti u ssir ir-ritrattazzjoni tal-appell imressaq mill-attriċi qiegħda tiġi miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** it-talbiet kollha ta' Anika Psaila Savona għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2023, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Grazio Mercieca<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss